**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 264/2018 RM**

**John Muscat**

**-vs-**

**Albert Gauci Cunningham**

**Illum, 8 ta' Marzu 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-atturipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' Novembru 2018 fejn talab illi prevja dikjarazzjoni illi l-artikolu intitolat "**It-tliet esperti li qabbad il-Magistrat Vella swew €136,654**" (Dok. A) miktub mill-konvenut u ppublikat fit-28 ta' Ottubru 2018 fuq is-sit elettroniku illum.com.mt, ta' liema sit l-intimat huwa l-editur, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tal-attur ; u il-konvenut jigi kkundannat (a) ihallas lill-attur dik is-somma li tistabbilixxi din il-Qorti bhala danni morali a tenur tal-Art.9 tal-Kap. 579 tal-Ligijiet ta' Malta u (b) inehhi d-dikjarazzjoni/artiklu mis-sit elettroniku.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenut Albert Gauci Cunningham ipprezentata fis-7 ta' Dicembru 2018 fejn eccepixxa:-

1. *''Illi in primis l-attur ghandu jindika b'mod preciz liema brani jqis malafamanti fil-konfront tieghu.*

2. *Illi l-imputazzjonijiet li saru mill-esponenti fil-pubblikazzjoni mertu tal-kawza huma sostanzjalment veri.*

3. *Illi fi kwalunkwe kaz, il-pubblikazzjoni kienet ta' nteress pubbliku u l-esponenenti kien qieghed jaqdi korrettement id-dmir tieghu li jirraporta dwar ahbar serja, gravi u ta' mportanza pubblika f'socjeta' demokratika li thaddan bi shih il-liberta ta' l-espressjoni.*

4. *Illi, f'kull kaz ukoll, il-kummenti mertu tal-pubblikazzjoni jikkostitwixxu fair comment.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.''*

Rat id-digriet taghha moghti fl-10 ta' Dicembru 2018 ghall-finijiet tal-Artikolu 10 tal-Kap. 579 fejn ordnat il-prosegwiment tas-smigh tal-kawza;

Rat illi waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar 2019, ordnat illi x-xhieda prodotta f'din il-kawza tkun tghodd ukoll bhala prova fil-kawza Rikors 265/2018 fl-ismijiet **John Muscat vs Saviour Balzan**;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur, ipprezentata fis-17 ta' Novembru 2020;

Rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut ipprezentata fit-2 ta' Frar 2021;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kif ukoll d-dokumenti kollha prodotti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-konvenut Albert Gauci Cunningham gie mharrek sija bhala awtur tal-pubblikazzjoni impunjata, tat-8 ta' Novembru 2018, kif ukoll bhala l-editur tas-sit elettroniku illum.com.mt. Ghalkemm il-konvenut ma xehedx, u ghalkemm ma giex stabbilit mill-provi li huwa jinsab registrat ufficjalment mal-Press Registry bhala l-editur tas-sit in kwistjoni, jirrizulta inkontestat mill-pubblikazzjoni impunjata nnifisha (Dok. A) illi l-istess konveunt huwa l-awtur tal-artikolu kif ukoll huwa l-editur tal-gazzetta Illum u tas-sit illum.com.mt, appuntat f'dan ir-rwol f'Gunju 2015.

Ghaldaqstant, l-azzjoni giet korrettement diretta fil-konfront tal-konvenut fiz-zewg kwalitajiet tieghu ghall-finijiet tal-Artioklu 3 tal-Att dwar il-Midja u Malafama[1], Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta[2].

Ikkunsidrat;

Il-Qorti trid tistabbilixxi qabel xejn jekk l-istqarrijiet impunjati mill-attur kif identifikati minnu fix-xhieda tieghu, humiex kapaci li jitqiesu bhala diffamatorji ghall-finijiet tal-Artikolu 3(4) tal-Att. Din id-dispozizzjoni tistipola illi stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lirreputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba. Dan ir-rekwizit ta' hsara serja jew potenzjal ta' hsara serja, introdott ghallewwel darba permezz tal-ligi l-gdida fil-Kap. 579, jistabbilixxi threshold

[1] Att XI tal-2018 - Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta.
[2] Minn issa 'l quddiem imsejjah "l-Att."

ferm iktar oneruz u impenjattiv ghas-success ta' azzjonijiet ghal malafama, milli dak li kien rikjest taht il-Ligi tal-Istampa, Kapitolu 248.

Jinghad ukoll li dan il-kriterju m'huwiex marbut mal-*quantum* tad-danni likwidabbli f'kaz li l-istqarrija titqies li hija malafamanti, izda huwa relevanti esklussivament ghas-success tal-azzjoni, sabiex jigi determinat jekk l-istqarrija impunjata ghandhiex titqies bhala diffamatorja jew le ghall-finijiet tal-Att. Il-Qorti tqis ukoll illi l-istharrig mehtieg mill-Artikolu 3(4) tal-Att dwar l-element tal-hsara serja, huwa wiehed li ghandu jsir f'kull azzjoni ta' libell istitwita taht l-Att u dan mill-Qorti *sua sponte* minghajr il-htiega li titressaq eccezzjoni *ad hoc* fir-rigward u dan ghaliex il-kriterju jincidi fuq l-azzjonabbilita` tal-allegat malafama. Dan ifisser illi anke jekk jirrizulta li l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-kontestazzjoni kif prospettati mill-Att, ma jkunux fondati jew altrimenti ma jissodisfawx il-kriterji mehtiega mil-ligi ghas-success taghhom, l-azzjoni tista' xorta wahda tfalli t-test stabbilit mill-Artikolu 3(4) tal-Att jekk jirrizulta illi wara kollox il-pubblikazzjoni ma rrekatx u m'hijiex kapaci li tirreka, hsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna li ressqet l-azzjoni.

Fi kliem Collins[3], din ir-regola:

*"... operates solely as a threshold for preventing or stopping defamation actions where the claimant cannot demonstrate that he or she has suffered or likely to suffer, serious reputational harm or, in the case of a body that trades for profit, serious financial loss*." [emfasi tal-Qorti]

Mizmum ferm il-premess, jinghad illi qabel xejn, dak li ghandu jigi kkunsidrat ghall-fini li jigi stabbilit jekk dan il-kriterju huwiex milhuq fil-kaz partikolari, huwa jekk il-pubblikazzjoni impunjata ikkagunatx hsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna li tressaq l-azzjoni tal-libell, jew jekk fihiex il-propensita` li tirreka hsara serja lir-reputazzjoni tieghu fil-futur. Dan l-effett huwa riskontrabbli jekk fil-kaz partikolari, il-pubblikazzjoni impunjata tolqot hazin u b'mod gravi u sostanzjali

[3] On Defamataion, 2014 Ed. Page 128 6.56.

l-percezzjoni ta' persuni ohrajn dwar is-soggett tal-malafama b'mod li tikkaguna jew hi kapaci tikkaguna hsara serja. Fil-generalita` tal-kazi, ghall-fini ta' dan l-istharrig ikun jehtieg li ssir referenza, fost ohrajn, ghan-natura tal-imputazzjoni addebitata bil-pubblikazzjoni impunjata u ghall-mezz u l-firxa tal-pubblikazzjoni, kif ukoll ghandu jitqies jekk il-kliem humiex kapaci fil-kuntest partikolari taghhom, ikunu diffamatorji ghal dik il-persuna partikolari.

Skont il-Gatley:-

"*... whether a publication has caused or is likely to cause, serious harm is likely to require a careful investigation of facts of the particular case and in particular the inherent gravity of the allegation, the nature and status of the publisher and publishee, the claimant's current reputation and financial position, and whether similar allegations have been published before*."[4] [emfasi tal-Qorti]

Ikkunsidrat;

Kif jirrizulta mir-Rikors promotur, l-attur jikkontendi illi l-artikolu shih miktub mill-konvenut u ppubblikat fuq is-sit elettroniku illum.com.mt, liema sit elettroniku huwa l-editur l-istess konvenut, huwa malafamanti fil-konfront tieghu. Dan l-artikolu li gie ppubblikat fuq is-sit elettroniku illum.com.mt fit-28 ta' Ottubru 2018, intestat "*It-Tliet Esperti li qabbad il-Magistrat Vella swew €136,654*"[5], jghid hekk testwalment:-

*It-tliet esperti li qabbad il-Magistrat Vella swew €136,654.*

*Il-Pulizija ma kienu kuntenti xejn b'dawn l-esperti wara leaks lill-midja u politici*

*Rabja ghalihom mill-Korp minhabba li l-laptop ta' Daphne Caruana Galizia baqa' ma ngabarx*

[4] Gatley, On Libel and Slander (2013 Ed.), p. 41, 2.5.
[5] L-artikolu huwa anness mar-Rikors promotur, immarkat Dok. A

*Wiehed mill-esperti rrizenja wara li ma baqax imexxi l-inkjesta l-Magistrat Anthony Vella*

*Din il-gazzetta tista' tizvela illi t-tliet esperti fl-inkjesta dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, li tqabbdu mill-Magistrat Anthony Vella swew b 'kollox €136,654 bejniethom.*

*Dawn it-tliet esperti huma John Gera, espert tas-Sahha u Sigurta li rrizenja mill-investigazzjoni meta nhatar il-Magistrat Neville Camilleri minflok Vella, John Muscat li huwa konsulent u hu l-eks 'Campaign Manager' tal-Partit Nazzjonalista Caroline Muscat kif ukoll Roberto Critien, eks ufficjal tas-Servizzi tas-Sigurta. Ta' min jghid illi fuq dawn it-tliet esperti kien hernm dubji serji ta' 'leaks' lill-politici u certu sezzjoni tal-midja. Tant hu hekk li l-Pulizija ma kienu kuntenti xejn b'din is-sitwazzjoni, ghalkemm kien biss wara li l-Magistrat Anthony Vella ma baqax fuq il-kaz li kien identifikat il-'leak'. Dan seta' jsehh biss wara li l-esperti tal-Qorti nghataw inforrnazzjoni hazina, biex b'hekk ikun identifikat min mit-tliet esperti kien qed jghaddi informazzjoni sensittiva li mhix suppost tohrog, ghajr mal-pubblikazzjoni tal-inkjesta.*

*Artiklu nhar il-Hadd li ghadda fuq il-gazzetta oht Maltatoday ikkwota sorsi mill-Korp tal-Pulizija jghidu illi m'ghandhomx fiducja t'uhud minn dawn l-esperti specjalment wara dak li jidher illi huwa falliment fil-komunikazzjoni bejn il-Pulizija u l-Magistrat Vella. Fil-fatt l-istess artiklu ta' nhar il-Hadd li ghadda jispjega kif il-Pulizija thallew fl-ghama dwar il-gbir tal-'call logs', fosthom tal-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppozizzjoni. Dan apparti li l-inkjesta waqt li gabret il-'call logs' tal-pulizija li kienu fuq il-post fejn sehhet il-bomba li qatlet lil Caruana Galizia, falliet milli tigbor il-laptop li fil-fatt kienet tuza Daphne Caruana Galizia biex tikteb ix-xoghol taghha u tikkomunika.*

L-attur fisser li huwa hassu aggravat ghaliex l-artikolu jsemmih specifikatament bhala wiehed minn tliet esperti mahturin fl-Inkjesta Magisterjali dwar id-delitt tal-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia, li dwarhom kien hemm dubju serji ta' *leaks* mill-Inkjesta lil persuni politici u lil certu sezzjoni tal-midja. Isostni li l-imputazzjoni li huwa kien suspettat bhala wiehed mis-sorsi ta' dawn il-*leaks,* hija ulterjorment manifestata mir-rabta specifika li saret fl-artikolu bejnu u bejn ohtu Caroline Muscat bhala gornalista ta' The Shift News u ex-campaign manager tal-Partit Nazzjonalista. L-attur jichad dawn l-allegazzjonijiet u jsostni li m'humiex veri.

Da parti tieghu, Saviour Balzan, l-uniku xhud prodott mill-konvenut f'din il-kawza[6], sostna li qatt ma ntqal, fl-istqarrija impunjata, li l-attur kien wiehed mill-esperti li ma kienx igawdi mill-fiducja tal-Pulizija investigattiva u mkien jinghad li l-attur kien b'xi mod responsabbli ghal-*leaks* ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-Inkjesta. Imbaghad, il-konvenut insista ripetutament fin-nota ta' sottomissjonijiet minnu pprezentata, li huwa ma ghamel l-ebda imputazzjoni kwalsiasi fil-konfront tal-attur fil-pubblikazzjoni impunjata u ma kienx qed jirreferi ghall-attur meta qal fl-artikolu li l-Pulizija investigattiva ma ghandhomx fiducja f'uhud mill-esperti mahturin fl-Inkjesta.

Izda fl-istess waqt, ix-xhud Saviour Balzan xehed ukoll illi fil-fehma tieghu, l-attur, li flimkien maz-zewg esperti ohrajn imsemmija fl-artikolu tieghu, kienu jifformaw parti mit-tim maghzul mill-Magistrat Inkwirenti Anthony Vella, "*huma maghrufa li ghandhom certu bias ... politiku*". Ix-xhud kompla jispjega kif fil-fehma tieghu kien hemm kunflitt ta' interess fl-involviment tal-attur fl-Inkjesta ghaliex ohtu, Caroline Muscat, li hija l-eks Campaign Manager tal-Partit Nazzjonalista u gornalista ma' The Shift News, hija persuna li hija maghrufa li "*ghandha bias u pregudizzji kbar*" u ghandha "*agenda politika cara ... it-tip ta' gornalizmu li tikteb huwa opinjonat hafna...*"[7]

Kompla fisser kif l-attur u z-zewg esperti ohrajn, investigaturi mahtura mill-Magistrat Inkwirenti, kellhom access wiesa' ghal hafna data ta' terzi persuni fosthom *telephone logs* u informazzjoni sensittiva dwar nies li kienu fil-vicinanzi tal-qtil jew mahsuba li huma involuti fil-kaz.

Ikkunsidrat;

Fl-istharrig tal-kwistjoni jekk fil-pubblikazzjoni impunjata, saritx imputazzjoni diffamatorja fil-konfront tal-persuna aggravata ghandu jigi stabbilit jekk persona

[6] Il-konvenut Albert Gauci Cunningham, l-awtur tal-pubblikazzjoni impunjata, ma xehedx.
[7] Xhieda tal-konvenut, fol. 50, 2 ta' Lulju 2019.

ordinarja u ragjonevoli ("*an ordinary, reasonable person*"), ikun kapaci jifhem li dik l-istqarrija bhala wahda li minnha tinsilet l-imputazzjoni impunjata. Fost il-principji applikabbli ghad-determinazzjoni ta' jekk stqarrija hija kapaci twassal l-imputazzjoni impunjata, kif definiti fid-decizjoni celebri **Jeynes v News Magazines Ltd**[8], wiehed isib illi:-

"*(1) the governing principle is reasonableness (2) the hypothetical reasonable reader is not naïve but he is not unduly suspicious. He can read between the lines. He can read in an implication more readily than a lawyer and may indulge in a certain amount of loose thinking but he must be treated as being a man who is not avid for scandal and someone who does not, and should not, select one bad meaning where other non-defamatory meanings are available ... (4) the intention of the publisher is irrelevant…*"

Intqal ukoll:-

"*A mere statement that a person is under investigation, or that a person has been charged, may not be enough to impute guilt. If, however, it is accompanied by an account of the suspicious circumstances that have aroused the interest of the authorities, and that points towards a likelihood of guilt, then the position may be otherwise.*"[9]

Jinghad illi f'kull kaz huwa mholli lill-gudikant biex jiddetermina jekk il-kliem uzat huwa kapaci, ragjonevolment, illi jwassal it-tifsira vantat mill-attur u jekk, f'kaz affermattiv, dik it-tifsira hijiex kapaci li titqies skont il-ligi bhala diffamatorja. Effettivament f'kaz fejn il-kliem uzat fid-dikjarazzjoni impunjata jista' jaghti lok ghall-interpretazzjoni li qed issir imputazzjoni fil-konfront tal-persuna malafamata, jinghad illi:-

"*… the question will be whether it is reasonably capable of conveying that imputation. Logically anterior, therefore, to the question of whether the words are capable of being defamatory in law, is the question of what meaning the word or words are reasonably capable of bearing.*" [10]

[8] [2008] EWCA.
[9] **Favell v Queensland Newspapers Pty Ltd** – Australian High Court [2005] 52, 221 ALR 186 para. 12.
[10] Gatley, p. 113.

L-artikolu impunjat huwa skjett u konciz u ma jhalli l-ebda lok ghal ekwivoku: l-imputazzjoni bla tlaqliq hi li l-attur, John Muscat "*li huwa konsulent u hu l-eks campaign manager tal-Partit nazzjonalista Caroline Muscat*", huwa wiehed minn fost tliet esperti fl-Inkjesta dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia "*li tqabbdu mill-Magistrat Anthony Vella*" u "*swew b'kollox €136,654 bejniethom*". Saret ukoll imputazzjoni specifika u espressa li "***fuq dawn it-tliet esperti** kien hemm dubji serji ta' leaks lill-politici u certu sezzjoni tal-midja*". L-artikolu jkompli jirrapporta illi "*sorsi mill-Korp tal-Pulizija jghidu li m'ghandhomx fiducja f'uhud minn dawn l-esperti*". [emfasi tal-Qorti]

**L-unici esperti li ssemmew fil-pubblikazzjoni huma l-attur, John Gera u Roberto Critien. L-artikolu ma jsemmi l-ebda espert iehor u hu manifest li l-imputazzjonijiet li saru, gew diretti unikament fil-konfront tat-tliet esperti identifikati fl-artikolu, fosthom l-attur.**

Indubbjament, l-artikolu shih jitfa' dell ikrah ferm fuq it-tliet esperti msemmija espressament fl-artikolu, li gew identifikati b'isimhom proprju bhala t-tliet esperti li specifikatament m'humiex fdati mill-Pulizija investigattiva minhabba serje ta' *leaks* ta' informazzjoni sensittiva mill-Inkjesta Magisterjali lil persuni fil-politika u certu sezzjoni tal-midja. Tant hija specifika l-imputazzjoni li l-Pulizija ma kellhomx fiducja fl-attur u illi l-attur kien suspettat bhala wiehed mis-sorsi tal-leaks mill-Inkjesta, li gie rapportat espressament illi l-identifikazzjoni tal-*leak* mill-Pulizija «*… seta' jsir biss wara li l-esperti tal-Qorti nghataw informazzjoni hazina, biex b'hekk ikun identifikat* ***min mit-tliet esperti*** *kien qed jghaddi informazzjoni sensittiva li mhux suppost tohrog ...* ». [emfasi tal-Qorti]

In-ness li jsir fl-artikolu bejn l-attur u l-materja tal-*leaks* ta' taghrif sensittiv u kunfidenzjali mill-Inkjesta Magisterjali lil "*those speaking to politicians and reporters*", huwa wiehed manifest, rinforzat ulterjorment bir-referenza li saret

ghal ohtu Caroline Muscat bhala « *ex campaign manager* » tal-Partit Nazzjonalista.

Fir-rigward, Collins jghid hekk:-

"*Whether a statement is defamatory is assessed by reference not to the literal words used by the publisher but to the imputation or imputations borne by, or the gist of, the statement, taking into account innuendos that would have been conveyed to ordinary persons in the position of those to whom the statement was published.*"[11]

Fil-kaz in dizamina, kif diga` stabbilit, l-imputazzjoni diretta u inekwivoka li saret fil-konfront tal-attur, hi li kellu rwol fl-izvelar illecitu lil persuni fil-politika u gornalisti, ta' informazzjoni sensittiva migbura waqt Inkjesta magisterjali u li bhala espert li kellu involviment rwol fl-Inkjesta, ma kienx fdat mill-Pulizija investigattiva. Minn dan tinsilet l-imputazzjoni, daqstant manifesta, illi l-attur m'huwiex persuna affidabbli[12], ghaliex fil-kariga tieghu ta' espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti biex jassisti fl-investigazzjonijiet dwar id-delitt mertu tal-Inkjesta, mexa mhux biss b'nuqqas ta' integrita` u professjonalita` mistennija minn konsulent li jippresta servizzi fil-qasam tas-sigurta`, izda wkoll bi ksur ta' obbligu ta' konfidenzjalita`.

Fil-fehma tal-Qorti, imputazzjoni bhal din hija wahda serja ferm u ghaldaqstant, ingurjuza ghar-reputazzjoni tal-attur. Hu generalment accettat fil-gurisprudenza tal-qrati Inglizi kif ukoll lokali, illi imputazzjoni li l-persuna aggravata kien jew seta' kien possibbilment involut sa certu grad, f'attivita` jew att kriminali jew, fi kliem Collins[13], imputazzjoni li minhabba f'xi kondotta partikolari, il-persuna aggravata huwa "*dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or*

[11] 6.07, p. 116

[12] Fir-rigward, inghad hekk:- "*The repetition by a publisher of a defamatory rumour or allegation … will usually convey an imputation to the effect of the content of the rumour or allegation, and not just to the effect that the allegation has been made or the rumour is in circulation. A statement to the effect that the defendant had heard that the claimant had engaged in some misconduct for example, will ordinarily convey the imputation that the claimant had in fact engaged in the misconduct.*"

[13] 6.10 p. 117.

*actuated by some improper motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role.*”[14], huma kkunsidrati bhala diffamatorji.

Fil-kaz **Angel v H.H. Bushell & Co Ltd**[15], l-allegazzjoni kienet li l-persuna aggravata ma kienetx “... *conversant with business ethics*”. Gie ritenut[16] li tezisti “*a very real difference between an allegation of failure to comply with etiquette and a failure to conform with ethical standards, and it is the latter imputation which, in my view, is made by this letter. Ethics involve a moral standard, and, in my judgment, a breach of ethics connotes at a minimum dishonourable behaviour*”.[17]

Il-Qorti tqis li l-imputazzjoni li l-attur huwa fost dawk l-esperti li m’humiex fdati mill-Pulizija b’rabta mal-izvelar ta’ taghrif kunfidenzjali mil-Inkjesta u li kien suspettat bhala wiehed mis-sorsi ta’ dawn il-*leaks*, m’hijiex semplicement kritika tat-twettiq tax-xoghol jew tar-rwol fdat lill-attur, ghaliex filwaqt li tiskreditah fl-espletazzjoni ta’ kariga li fiha nnifisha tesigi l-massimu ta’ kunfidenzjalita`, timpingi wkoll fuq l-integrita` u serjeta` tal-kondotta tieghu fl-ezercizzju rett tal-professjoni tieghu ta’ konsulent fil-qasam tabilhaqq tas-sigurta` u investigazzjonijiet.

Il-korollarju ta’ dan hu li dawn l-imputazzjonijiet serji li saru fil-konfront, inter alia, tal-attur, huma fihom infushom kapaci jikkagunaw hsara serja lir-reputazzjoni tieghu u konsegwentement ghandhom jitqiesu bhala diffamatorji ghall-finijiet tal-htigijiet tal-Artikolu 3(4) tal-Att[18].

---

[14] Fil-kaz celebri **Sim v. Stretch** - 1936, 2 All England Law Reports, 1237 (House of Lords, per Lord Atkin) - gie ritenut illi sabiex jigi stabbilit jekk l-istqarrija impunjata twassalx imputazzojni li hi diffamatorja, irid jigi affermat illi “*the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally*”.

[15] [1968] 1 QB 813.

[16] Milmo J.: 825G – 826A.

[17] Intqal ukoll illi “*At any rate, it seems clear that one can draw a distinction between mere breaches of etiquette on the one hand and breaches of professional ethics or codes of conduct on the other: the latter are actionable even if the former are not*.”

[18] Kliem li jimputaw lill-persuna aggravata “*misconduct in business*” u li inaqqsulha giehha fil-qasam tal-professjoni taghha, gew meqjusin bhala diffamatorji – ara **Foulger v Newcomb** (1867) Law Reports 2 Ex. 327.

Kif qal Lord Nicholls of Birkinhead fil-kawza **Reynolds v. Times Newspaper Limited and Others**, deciza mill-House of Lords fit-28 ta' Ottubru, 1999:

"*Reputation is an integral and important part of the dignity of the individual. It also forms the basis of many decisions in a democratic society which are fundamental to its well-being: whom to employ or work for, whom to promote, whom to do business with or to vote for. Once bismirched by an unfounded allegation in a national newspaper, a reputation can be damaged forever, especially if there is no opportunity to vindicate one's reputation. When this happens, society as well as the individual is the loser. For it should not be supposed that protection of reputation is a matter of importance only to the affected individual and his family. Protection of reputation is conducive to the public good.*"

Kwantu ghall-istqarrija, ukoll impunjata mill-attur f'din il-kawza, illi huwa rcieva xi sehem mis-somma ta' €136,654 li allegatament thallset lit-tliet esperti msemmija fl-artikolu[19], il-Qorti tqis illi ghalkemm jirrizulta mill-provi[20] illi mhux minnu li l-attur ircieva xi hlas in konnessjoni mal-kariga tieghu fl-Inkjesta, din l-istqarrija ghad li hija zbaljata u inveritiera, m'hijiex, mehuda wahedha, diffamatorja. Dan ghaliex l-istqarrija, fiha nnifisha, m'hijiex tal-kalibru li tista' tikkaguna hsara serja lir-reputazzjoni tal-attur. Stabbilit dan, izda, il-Qorti tifhem illi meta titqieghed fl-isfond tal-imputazzjonijiet l-ohrajn maghmula fil-konfront tal-attur fl-artikolu impunjat f'din il-kawza, **l-imputazzjoni li huwa rcieva ammont sostanzjali ta' flus meta fl-istess hin qed jigi allegat li l-istess attur kien miexi b'mod skorrett u kundannabbli fit-twettiq tal-funzjonijiet tieghu fl-Inkjesta u bi ksur tal-obbligu ta' konfidenzjalita` inkombenti fuqu, mhux biss tihrax izda tirrendi iktar gravi l-imputazzjonijiet l-ohrajn**. Ghaldaqstant, tqis illi mehud fl-assjem taghha, il-pubblikazzjoni shiha hija malafamanti fil-konfront tal-attur.

[19] *"… t-tliet esperti fl-inkjesta … swew b'kollox €136,540 bejniethom"*
[20] Ara xhieda ta' Eunice Grech Fiorini, xhieda tal-attur John Muscat u xhieda ta' Saviour Balzan fir-rigward.

Stabbilit illi r-rekwizit impost mill-Artikolu 3(4) tal-Att jinsab sodisfatt, il-Qorti trid tghaddi biex tistharreg is-siwi o meno tal-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut.

**Difiza tal-Verita`**

Fir-Risposta tieghu ghar-Rikors promotur, il-konvenut invoka primarjament id-difiza tal-verita` tal-imputazzjonijiet li saru fil-pubblikazzjoni mertu tal-kawza.

L-Artikolu 4(1) tal-Att jipprovdi li "*hija difiza ghal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li l-imputazzjoni li tkun saret bi stqarrijiet li dwarhom sar l-ilment, huma sostanzjalment veri*." Imbaghad, is-subartikolu (5) tal-istess Artikolu 4 tal-Att jesigi li d-difiza tal-verita` (kif ukoll dik tal-opinjoni onesta), tapplika biss meta l-persuna aggravata hi persuna pubblika entro t-tifsira tad-diversi disposizzjonijiet tal-istess subartikolu (5) tal-istess Artikolu.

Fil-kaz in dizamina, mill-provi jirrizulta li l-professjoni abitwalment ipprattikata mill-attur hija fil-qasam tal-investigazzjonijiet u sigurta`[21] u dan tramite kumpannija kummerjcali li taghha huwa direttur. Fil-kaz in dizamina, jirrizulta li l-imputazzjonijiet impunjati minnu saru riferibbilment ghat-twettiq ta' kariga li gie mahtur fiha mill-Magistrat inkwirenti f'Inkjesta Magisterjali u mhux it-twettiq tal-professjoni abitwalment ipprattikata minnu. Maghdud dan, mix-xhieda tal-attur jirrizulta li filwaqt li l-kariga tieghu fl-Inkjesta kienet marbuta ma' analizzar ta' data dwar telefonija, dan ix-xoghol ma kienx jirrientra fl-"*expertise*" tieghu[22]. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-attur ma jistax jigi kkunsidrat bhala persuna pubblika ghall-finijiet tal-Artikolu 4(5) tal-Att u konsegwentement, mhijiex aperta lill-konvenut id-difiza tal-verita`.

[21] Ara xhieda tal-attur John Muscat, 22 ta' Jannar 2019.
[22] Xhieda tat-22 ta' Jannar 2019, fol. 23.

Izda fi kwalsiasi kaz, irrispettivament mill-htigijiet tal-Artikolu 4(5) tal-Att, il-Qorti hija tal-fehma li d-difiza tal-verita` ma treggix f'dan il-kaz.

Huwa risaput illi l-oneru tal-prova li l-imputazzjoni hija sostanzjalment vera, jinkombi fuq il-konvenut u dan minhabba l-presunzjoni ta' falsita` tal-imputazzjoni diffamatorja. Din il-presunzjoni hija affermata wkoll mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewopeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li, fid-decizjoni fil-kaz **EuropaPress Holding DOO v. Croatia** (2011), riteniet illi:

"*in principle it is not incompatible with art. 10 to place on a respondent in defamation proceedings the onus of proving to a reasonable civil standard of proof, (that is, on the balance of probabilities), that the defamatory statements were substantially true*".

Id-difiza tal-verita` tehtieg li l-imputazzjonijiet partikolari, f'dan il-kaz li kien hemm dubji serji dwar l-attur li in konnessjoni mal-*leaks* mill-investigazzjoni u li l-Pulizija li tmexxi l-investigazzjonijiet dwar l-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia ma ghandhomx fiducja fih, jigi ppruvat li huma sostanzjalment veri.

Generalment, biex tirnexxi d-difiza tal-verita` fir-rigward ta' stqarrija li hija kapaci li ragjonevolment timputa lill-persuna aggravata xi kondotta hazina jew illegali, ikun mehtieg li jintwera li kien hemm xi forma ta' kondotta da parti tal-persuna aggravata li xprunat is-suspetti jew allegazzjonijiet impunjati. Il-konvenut ma jistax semplicement juri li l-persuna aggravata hija suspettata jew giet akkuzata b'din il-kondotta u ma jistax lanqas jistrieh unikament fuq ripetizzjoni tal-allegazzjonijiet maghmula minn terzi persuni:-

"*The defendant in such a case needs to comply with the conduct rule but showing that the claimant did something to contribute, objectively judged, to a reasonable suspicion of his or her involvement in the alleged misconduct.*" [23]

Fi kliem iehor, il-konvenut jehtieg li juri li l-attur agixxa b'mod li jista' ragjonevolment jixpruna investigazzjoni dwar l-allegat kondotta hazina u mhux

[23] **Chase v News Group Newspapers**.

bizzejjed ghall-gustifikazzjoni tal-istqarrija impunjata, li jintwera li persuni ohrajn jissuspettaw fl-attur.

Fir-rigward, jinsab ritenut illi: "*In such cases it is necessary for the defendant to prove the primary facts and matters giving rise to reasonable suspicion objectively judged. It is impermissible to plead as a primary fact, the proposition that some person or persons (e.g. law enforcement authorities) announced, suspected or believed the claimant to be guilty.*"[24]

Il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni li saret fl-artikolu cioe` li kienu t-tliet esperti hemm imsemmija, fosthom l-attur, responsabbli ghall-kxif tal-informazzjoni mill-Inkjesta u t-trasmissjoni taghha lil xi persuni politici u sezzjonijiet tal-midja, m'hijiex sostanzjata mill-bqija tal-kontenut tal-istess artikolu. Ghalkemm l-artikolu jirrapporta b'mod specifiku illi oht l-attur Caroline Muscat kienet il-*campaign manager* tal-Partit Nazzjonalista, il-Qorti ma tqisx illi dan jiswa bhala prova tal-fatt illi l-attur zvela xi informazzjoni lill-persuni fil-politika. Ma jirrizultax lanqas illi oht l-attur kellha involviment fit-trasmissjoni lil terzi persuni ta' xi informazzjoni provenjenti mill-Inkjesta. Jigi osservat ukoll illi minn qari tal-pubblikazzjoni tal-konvenut, ma jirrizultax liema informazzjoni sensittiva minn dik rapportata fl-artikolu impunjat, kellha tkun suppost zvelata mill-attur u lil min suppost zvela dik l-informazzjoni biex din fl-ahhar mill-ahhar tigi ppubblikata fil-midja barranija u gurnali ohrajn.

Din l-imputazzjoni lanqas m'hija sostanzjata mill-provi mressqa mill-konvenut quddiem il-Qorti: kemm hu hekk, il-konvenut mhux talli ma xehedx biex jiggustifika l-pubblikazzjoni tal-imputazzjonijiet li saru fil-konfront tal-attur, talli l-uniku xhud tieghu Saviour Balzan - l-editur registrat tal-kumpannija MediaToday Co. Ltd li l-Qorti fehmet li tiggestixxi l-pubblikazzjoni illum.com.mt - eskluda specifikatament fix-xhieda tieghu illi fil-pubblikazzjoni impunjata saret xi referenza ghall-attur bhala wiehed mill-esperti fl-Inkjesta li zvela xi informazzjoni kunfidenzjali lil gornalisti u persuni fil-politika. Fix-

[24] **Musa King v Telegraph Group Ltd** (Eady J.) [2003] EWHC 1312 QB.

xhieda tieghu Saviour Balzan stqarr ukoll li fil-fehma tieghu kien Dr. Jason Azzopardi li kien il-persuna li wassal l-informazzjoni kunfidenzjali lil midja barranija. Izda minn qari tal-pubblikazzjoni tal-konvenut, ma jirrizulta l-ebda ness bejn l-attur u Dr. Jason Azzopardi li ma ssemma mkien fil-pubblikazzjoni.

F'dan l-isfond, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li ntweriet b'mod oggettiv l-ezistenza ta' xi rabta bejn il-*leaks* mertu tal-pubblikazzjoni u l-attur. Tqis ukoll illi l-adozzjoni *en bloc* bhala stqarrija ta' fatt, tal-allegazzjonijiet maghmula minn sorsi fil-Korp tal-Pulizija b'mod anonimu u mhux formali u rapportati f'mezzi ohrajn tal-midja, ma tissodisfax il-htiega ta' prova tal-verita` tal-fatt allegat. Il-Qorti hija tal-fehma illi l-fatt illi wiehed merament jikkwota s-sorsi tieghu mhuwiex fih innifsu prova tal-verita` ta' dak li rrapportawlu s-sorsi tieghu[25] u huwa mehtieg li jintwera li l-allegazzjonijiet rapportati huma fondati b'mod oggettiv fuq fatti.

Madanakollu, il-Qorti ma rriskontrat ebda allegazzjonijiet ta' fatt fl-artikolu impunjat li jaghtu sostenn lill-imputazzjoni li l-attur huwa wiehed mit-tliet esperti responsabbli ghal-leaks mill-Inkjesta u li ma kienux fdati mill-Pulizija. Fl-artikolu impunjat, il-konvenut kiteb: "*... kien biss wara li l-Magistrat Anthony Vella ma baqax fuq il-kaz li kien identifikat il-leak. Dan seta' jsehh biss wara li l-esperti tal-Qorti nghataw informazzjoni hazina, biex b'hekk ikun jista' jigi identifikat il-leak.*" Din is-silta taghti x'tifhem li l-informazzjoni inakkurata giet trasmessa mill-Pulizija lill-esperti fl-Inkjesta **wara** t-tluq tal-Magistrat Vella mill-Inkjesta.

[25] Skont il-Gatley:- "*The repetition rule "reflects a fundamental canon of legal policy in the law of defamation … that words must be interpreted and the implications they contain justified, by reference to the underlying allegations of fact and not merely by reliance on some second-hand report or assertion of them'. This is because 'repeating someone else's libellous statement is just as and as making the statement directly' and therefore 'for the purpose of the law of libel a hearsay statement is the same as a direct statement'*" – On Libel and Slander (2013 Ed.) 11.18, p. 415.

Izda, fix-xhieda tieghu, l-attur, li cahad l-involviment tieghu fl-izvelar tal-informazzjoni mill-Inkjesta Magisterjali u sostna li huwa qatt ma ddiskuta r-rwol tieghu fl-inkjesta ma' hadd, xehed illi huwa ma baqax involut fl-Inkjesta meta din giet assenjata lill-Magistrat il-gdid – fatt li ma giex rapportat fl-artikolu impunjat. Din l-asserzjoni giet konfortata mix-xhieda ta' John Gera, wiehed mill-esperti mahtura fl-Inkjesta Magisterali li gie wkoll imsemmi fl-artikolu tal-konvenut: hu xehed illi l-attur kien attenda biss ghal ftit mis-sessjonijiet li gew organizzati fi hdan l-Inkjesta u meta l-Inkjesta giet assenjata lill-Magisrtat Neville Camilleri, l-attur ma kienx ghadu jifforma parti mit-tim.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut ma sehhlux jipprova illi l-imputazzjoni li saret fil-konfront tal-attur, kienet sostanzjalment il-verita` u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ma tistax tigi akkolta.

**<u>Fair Comment</u>**

Fit-tielet eccezzjoni tieghu, il-konvenut invoka d-difiza tal-kumment gust (*fair comment*). Ghalkemm din id-difza kienet kontemplata espressament fil-Kap. 248, din ma gietx trasposta fil-ligi l-gdida li sostitwiet l-Att dwar l-Istampa u effettivament ma hijiex prospettata mill-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579). Minflok, l-Att introduca fl-Artikolu 4(2) id-difiza tal-opinjoni onesta, liema difiza hija regolata b'diversi disposizzjonijiet u huma applikabbli ghaliha kriterji differenti minn dawk li kienu jirregolaw iddifiza tal-kumment gust taht il-Kap. 248. Fi kwalsiasi kaz, anke biex tkun gusta mal-konvenut, il-Qorti sejra tittratta l-eccezzjoni tal-konvenut ta' *fair comment* bhala difiza ta' opinjoni onesta a tenur tal-imsemmi Artikolu 4(2) tal-Att[26].

[26] Dan jipprovdi:- 4(2) Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li l-kundizzjonijiet li ġejjin ġew sodisfatti: (a) id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment hija dikjarazzjoni ta' opinjoni; (b) id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment indikat, kemm f'termini ġenerali jew speċifiċi, il-bażi tal-opinjoni; (ċ) li persuna onesta setgħet ikollha dik l-opinjoni abbażi ta' – (i) kwalunkwe fatt li eżista fiż-żmien li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet ippubblikata; jew (ii) kull ħaġa affermata bħala fatt f'dikjarazzjoni privileġġjata ppubblikata qabel iddikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment.

Il-Qorti diga` stabbiliet illi l-attur m'huwiex persuna pubblika entro t-tifsira tal-Artikolu 4(5) tal-Att stante illi ma jirrizultax li l-fatti attribwiti lilu fit-twettiq ta' kariga li kien mahtur fiha, jirreferu ghat-twettiq tal-professjoni abitwalment ezercitata minnu. Izda minkejja dan u f'kull kaz, il-Qorti ma tqisx illi l-istqarrijiet fl-artikolu impunjat jikkostitwixxu dikjarazzjoni ta' opinjoni izda hija tal-fehma li dawn evidentement jimputaw allegazzjonijiet ta' fatt lill-attur, cioe`: illi l-atturi huwa fost dawk it-tliet esperti mahturin fl-inkjesta li thallsu l-ammont imsemmi fl-artikolu, li l-Pulizija ma ghandhomx fiducja f'dawn it-tliet esperti u li r-responsabbilita` ghal-leaks mill-investigazzjoni hija attribwita lil uhud minn dawn it-tliet esperti.

Kif inghad, il-konvenut ma xehedx biex ifisser li dak rapportat fl-artikolu kien jirrapprezenta l-opinjoni tieghu jew tas-sorsi tieghu fil-Korp tal-Pulizija. F'kull kaz, kif inghad, hu ovvju illi l-artikolu jaghmel imputazzjonijiet li jasserixxu fatti fil-konfront tal-attur - kif rapportati mis-sorsi fil-Korp tal-Pulizija - u mhux il-konkluzjonijiet jew deduzzjonijiet li waslu ghalihom il-Pulizija abbazi ta' xi allegazzjonijiet ta' fatt.

In propositu, Collins jirritjeni illi:- "*A statement might be either a statement of fact or an expression, depending on the context. The form in which the statement appeared and the style adopted by the publisher will often be decisive.*"[27]

F'kull kaz, il-Qorti tqis illi anke jekk, ghal mument, kellu jigi identifikat xi espressjoni ta' opinjoni fl-artikolu impunjat, dawn tant huma mhalltin radikalment mal-istqarrijiet u asserzjonijiet ta' fatt, illi huwa difficli jekk mhux impossibbli ghall-qarrej li jiddistingwixxi bejn it-tnejn. Fil-fehma ta' Collins[28], f'kaz bhal dan, l-istqarrija ma tistax tigi meqjusa bhala dikjarazzjoni ta' opinjoni.

[27] Collins On Defamation (2014) 9.10, p. 190.
[28] *Supra*, 9.13, p. 192.

Billi minn dan jirrizulta illi l-istqarrijiet fl-artikolu impunjat ma jirrapprezentawx l-opinjoni tal-awtur izda huma asserzjonijiet ta' fatt dwar l-attur, u billi f'kull kaz l-attur ma jistax jitqies li huwa persuna pubblika fit-termini tal-Artikolu 4(5) tal-Att, jikkonsegwi necessarjament illi l-kriterji ghas-success tad-difiza tal-opinjoni onesta taht is-subartikoli (2) u (3) tal-Artikolu 4 tal-Att, ma gewx sodisfatti u ghaldaqstant, it-tielet eccezzjoni tfalli irrimedjabbilment.

**Materja ta' Interess Pubbliku**

It-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut fir-Risposta tieghu hija d-difiza taht l-Artikolu 5 tal-Att, li jiggustifika pubblikazzjoni li tkun saret dwar materja ta' interess pubbliku. Din id-difiza hija applikabbli irrispettivament jekk id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment hijiex dikjarazzjoni ta' fatt jew dikjarazzjoni ta' opinjoni.

Dan l-Artikolu jistipola:-

*(1) Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li –*
*(a) id-dikjarazzjoni li dwarha sar l-ilment kienet, jew kienet tifforma parti minn, dikjarazzjoni ta' materja ta' interess pubbliku; u*
*(b) il-konvenut raġonevolment emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha kienet ta' interess pubbliku.*
*(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (3) u (4), sabiex wieħed jiddetermina jekk il-konvenut weriex il-materji msemmija fis-subartikolu (1), il-Qorti għandha tikkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

Izda qabel tibda tistharreg is-siwi o meno ta' din l-eccezzjoni fil-kaz in dizamina, il-Qorti tqis li ghandha taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

L-importanza ta' midja libera u indipendenti bhala pedament fondamentali u necessarju ghad-demokrazija, hu fatt rikonoxxut u accettat f'kull socjeta` li genwinament ihaddan il-valuri tad-demokrazija. Dawn id-drittijiet ta' liberta` ta' espressjoni ghandhom jinghataw lill-gurnalist sabiex hu ikun jista' jezercita l-

professjoni tieghu adegwatament, bla xkiel u interferenzi bil-ghan li jghaddi informazzjoni, analisi jew kritika lill-pubbliku li, min-naha tieghu, ghandu d-dritt ghal tali informazzjoni, analisi jew kritika.

Effettivament, l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali[29], filwaqt li jittutela d-dritt tal-liberta' tal-espressjoni minghajr interferenzi, fl-istess waqt, fit-tieni parti tieghu, jirrikonoxxi li dan id-dritt mhux xi wiehed assolut u l-jedd tal-espressjoni anke dik gornalistika, ukoll ghandu limitazzjonijiet. Dan necessarjament ifisser li minbarra drittijiet, il-midja hija mistennija li tipprattika l-etika gornalistika u li tkun responsabbli u selettiva fir-rapportagg taghha billi ma tirrepetix allegazzjonijiet li m'humiex verifikati u billi tassikura illi b'dak li jinkiteb ma jinghatax lok ghal xi wahda mic-cirkostanzi msemmija f'din il-parti ta' dan l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fid-decizjoni tal-EWCA, **Loutchansky v Times Newspapers Ltd (Nos 2-5)** intqal[30]:-

"*The ... duty on the journalist (and equally his editor) ... is to behave as a responsible journalist. He can have no duty to publish unless he is acting responsibly any more than the public has an interest in reading whatever may be published irresponsibly.*"

Imbaghad, in materja ta' pubblikazzjonijiet dwar materji li huma ta' interess pubbliku, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Bladet Tromso and Stensaas v. Norway[31]** kienet esprimiet ruhha hekk:-

[29] Article 10 (art. 10) of the Convention, which is worded as follows:
"1. Everyone has the right to freedom of expression. This right shall include freedom to hold opinions and to receive and impart information and ideas without interference by public authority and regardless of frontiers.
...
2. The exercise of these freedoms, since it carries with it duties and responsibilities, may be subject to such formalities, conditions, restrictions or penalties as are prescribed by law and are necessary in a democratic society, … for the protection of the reputation or rights of others, for preventing the disclosure of information received in confidence, or for maintaining the authority and impartiality of the judiciary."
[30] Civ 1805 [2001], per Brooke J.
[31] 20 ta' Mejju, 1999.

*"Article 10 of the Convention does not, however, guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the Article the exercise of this freedom carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the press. These "duties and responsibilities" are liable to assume significance when, as in the present case, there is question of attacking the reputation of private individuals and undermining the "rights of others"... By reason of the "duties and responsibilities" inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism."*

Il-Qorti taqbel illi l-pubbliku ghandu dritt li jircievi informazzjoni, fosthom fuq materji ta' interess pubbliku, u li l-mezzi tal-midja ghandhom dmir lil jwasslu din l-informazzjoni lill-pubbliku. Taqbel ukoll li r-rwol tal-midja **fir-rapportagg lill-pubbliku dwar reati u proceduri kriminali**, huwa wiehed essenzjali u fondamentali ghaliex jipprovdi mezz ta' skrutinju pubbliku *inter alia* tal-funzjonament tas-sistema tal-gustizzja kriminali. Izda fl-istess waqt, hija tal-fehma li **huwa mankanti l-interess pubbliku fir-rapportagg ta' informazzjoni sensittiva appartenenti lil investigazzjonijiet kriminali li huma ghaddejjin, liema informazzjoni, jekk zvelata, tista' tkun ta' hsara ghall-istess investigazzjonjiet kif ukoll ghall-htigijiet tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja. Kemm hu hekk, f'kazijiet bhal dawn, l-interess pubbliku li jehtieg li jigi tutelat m'huwiex id-dritt tal-pubbliku li jircievi informazzjoni jew il-liberta` tal-espressjoni, izda l-interess tal-integrita` tal-investigazzjoni kriminali ghaddejja u d-dritt tal-process kriminali gust**. Infatti, gie diversi drabi ritenut illi d-dritt ghall-informazzjoni u l-liberta` tal-espressjoni huwa cirkoskritt bil-htiega li tigi tutelata l-integrita` tal-process kriminali, l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja u fuq kollox il-jeddijiet fondamentali tal-persuna akkuzata jew indagata, fosthom il-jedd ghall-presunzjoni tal-innocenza[32].

Ikkunsidrat;

[32] Ara: **Y v. Switzerland** (229988/13) 6.6.2017 u **Bedat v. Switzerland** (56925/08) 29.3.2016.

Id-difiza tal-pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku hija meqjusa, b'mod generali, bhala riproduzzjoni statutorja tal-principju tad-dritt komuni in materja ta' pubblikazzjonijiet protetti bi privilegg kwalifikat, imsejjah "The Reynold's Privilege" jew "The Reynolds' Defence". Dan il-principju gie zviluppat mill-Qorti Ingliza fid-decizjoni **Reynolds v. Times Newspaper Limited and Others**[33], fejn gew elenkati b'mod mhux kategoriku, diversi fatturi relevanti ghall-applikazzjoni, fil-kaz partikolari, tal-privilegg invokat[34].

Skont il-Gatley[35]:-

"*The very existence of the privilege in this type of case ... is a matter which ... involves questions like the extent to which the defendant took steps to verify the information he imparts, the urgency of the matter, the extent of the public's right to know about it and whether the defendant has sought any explanation or comment from the person about whom the statement is made.*"[36]

Illum, dan l-insenjament tal-qrati Inglizi gie statutorjament formulat fl-Artikolu 4 tad-Defamation Act (UK) tal-2013 ("*publication on a matter of public interest*"), liema difiza giet ukoll riprodotta testwalement fl-Artikolu 5 tal-Att dwar il-Midja u Malafama (Kap. 579). Madanakollu, l-awtoritajiet gurisprudenzjali Inglizi lkoll jaffermaw illi l-istess principji li qabel kienu jirregolaw "the Reynold's Defence" ikomplu jsibu applikazzjoni b'mod generali anke ghall-fini tad-difiza statutorja tal-interess pubbliku.

Ghas-success ta' din id-difiza, irid jintwera qabel xejn illi l-istqarrija impunjata hija dwar materja ta' interess pubbliku u fit-tieni lok, jekk il-konvenut kienx

---

[33] *Supra.*

[34] Fost dawn il-fatturi insibu "*the seriousness of the allegation*"; "*the source of the information*"; "*the urgency of the matter*"; "*whether coment was sought from the plaintiff*"; "*whether the article contained the gist of the plaintiff's side of the story*" u jekk kienx hemm xi forma ta' tentattiv da parti tal-publisher li jivverifika l-allegazzjonijiet ippubblikati.

[35] Gatley: On Libel and Slander, 2013 Ed., 14.2, p. 534.

[36] Ara wkoll **Cambridge v Makin**, 2012, EWCA [Civ 85] fejn gie ritenut illi wiehed mill-fatturi relevanti ghall-fini tad-determinazzjoni jekk il-privilegg kwalifikat huwiex applikabbli, huwa jekk ittiehdux passi biex jigi verifikat it-taghtif li gie moghti u pubblikat.

ragjonevolment jemmen li l-pubblikazzjoni saret fl-interess tal-pubbliku. Jinghad illi l-kriterju li l-materjal ippubblikat huwa ta' "interess pubbliku", ma jistax jitfisser bhala materjal li huwa « *newsworthy* » u lanqas bhala « *a matter which engages the interest of the public* ».

Fis-sentenza fuq imsemmija, **Reynolds v. Times Newspapers Limited**, il-Qorti tal-Appell (EWCA) fissret li dan il-kuncett jirreferi b'mod generali ghas-segwenti:-

«*… matters relating to the public life of the community and those who take part in it, including ... activities such as the conduct of the government and political life, elections and public administration ... [and] more widely ... the governance of public bodies, institutions and companies which give rise to a public interest in disclosure, but excluding matters which are personal and private, such there is no public interest in their disclosure.*"[37]

Imbaghad, fid-decizjoni fuq citata, **Loutchansky v Times Newspapers Ltd (Nos 2-5)**[38] intqal:-

"*To talk of a public right to know, without more, is misleading. The Convention explicitly states that the right to freedom of expression carries with it duties and responsibilities, and its jurisprudence shows how the right to freedom of expression is circumscribed by what is strictly necessary and proportionate in a democratic society for the protection of individuals' reputations. In 'Reynold's', Lord Nicholls said that ...* ***'reputation is an integral and important part of the individual … protection of reputation is conducive to the public good'. If the public 'right to know' was to be adopted, as it has not, as the sole criterion for conferring immunity from liability for damaging and untrue statements, then the courts would be turning their back on their duty to prescribe such restrictions on freedom of expression as are needed in order to achieve that public good****.*" [emfasi ta' din il-Qorti]

Il-Qorti tqis illi l-pubblikazzjoni ta' materjal ta' investigazzjoni kriminali li hija kunfidenzjali u li titwettaq bil-maghluq, bhalma hija Inkjesta magisterjali fl-

[37] p. 176-177 per Lord Bingham.
[38] *Supra*.

ordinament guridiku taghna[39], hija kapaci li timmina serjament il-kors tal-gustizzja u tirreka hsara u pregudizzju irreparabbli lill-integrita` tal-istess investigazzjoni u kwindi ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja. In propositu, il-*Codice di Procedura Penale* Taljana (art. 329) jivvjeta l-pubblikazzjoni u jimponi obbligu ta' segretezza tal-atti mehudin mill-fasi tal-procediment konsistenti fl-indagni preliminari kondotta mill-"*Polizia giudiziaria",* fejn jigu preservati l-provi dwar ir-reat preordinatament ghall-ezercizzju tal-azzjoni kriminali: fasi analoga ghal dik tal-Inkjesta Magisterjali. Dan proprju biex jigi evitat ir-riskju ta' hsara u intralc tal-attivita` investigattiva u kwindi, tal-proceduri kriminali eventwali[40].

Ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax taqbel mal-konvenut illi l-pubblikazzjoni impunjata f'din il-kawza ghandha titqies bhala pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku. Dan ghaliex kif diga` inghad, il-parametri tal-jedd ghal-liberta` tal-espressjoni ma jhaddnux id-dritt ghall-pubblikazzjoni ta' taghrif sensittiv provenjenti u appartenenti lill-investigazzjonijiet kriminali pendenti, *multo magis* investigazzjonijiet dwar reat kriminali li huma kondotti minn awtorita` gudizzjarja bhalma hija inkjesta magisterjali li, waqt illi tkun miftuha u pendenti, tappartjeni biss lill-Magistrat inkwirenti u mhi aperta lil hadd iktar hlief bl-approvazzjoni tal-istess inkwirenti. Ghall-kuntrarju, il-Qorti tqis illi l-interess pubbliku li ghandu jigi protett f'cirkostanzi bhal dawn in dizamina, huwa l-interess pubbliku fil-konfidenzjalita` u l-integrita` ta' investigazzjonijiet kriminali u r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja u certament mhux il-pubblikazzjoni ta' materjal migbur waqt Inkjesta magisterjali u zvelat b'mod mhux regolamentari. **Wisq anqas huma tutelabbli bhala materja ta' interess pubbliku l-opinjonijiet, allegazzjonijiet u spekolazzjonijiet dwar persuni involuti f'investigazzjoni kriminali li huma kapaci jaghmlu hsara lir-reputazzjoni ta' dawk il-persuni**.

---

[39] Art. 540 *et seq* tal-Kodici Kriminali, Kap. 9.

[40] Relevanti wkoll illi l-Contempt of Court Act (1988) UK, jippunixxi bhala reat ta' *strict liability*, il-pubblikazzjoni ta' materjal minn proceduri li huma attivi u "*which creates a substantial risk that the course of justice in the proceedings in question will be seriously impeded or prejudiced*."

Dan qed jinghad ukoll ghaliex fl-artikolu ppubblikat mill-konvenut issir referenza mhux biss ghall-allegat *leaks* li l-artikolu jattribwixxi lill-attur u l-esperti l-ohrajn hemm imsemmija, izda wkoll ghal serje ta' *leaks* ohrajn mill-istess Inkjesta Magisterjali fosthom l-allegat metodu li gie applikat biex jigi identifikat is-sors tal-allegat *leaks* mill-Inkjesta, kif ukoll allegazzjoni li l-Magistrat Inkwirenti baqa' ma ordnax li l-kompjuter ta' Daphne Caruana Galizia jigi elevat u ezaminat bhala parti mill-Inkjesta Magisterjali u decizjonijiet ohrajn mehudin mill-istess Magistrat fil-kors tal-Inkjesta. Il-Qorti ma tistax hlief tkun preokkupata dwar l-izvelar ta' informazzjoni sensittiva bhal din, provenjenti minn investigazzjoni kriminali gudizzjarja li hija intiza li tkun kunfidenzjali u sigrieta: tqis li informazzjoni, evidenza u materjal appartenenti lil Inkjesta Magisterjali jew investigazzjonijiet kriminali li ghadhom ghaddejjin, ma jistghux jitqiesu bhala informazzjoni privileggjata bhalma huwa, per ezempju, ir-rizultat tal-investigazzjoni. **Dan ifisser, fil-kaz in dizamina, illi l-komunikazzjoni mill-Pulizija**[41] **lill-konvenut jew gornalisti ohrajn, ta' informazzjoni appartenenti lill-investigazzjoni kriminali li ghadha ghaddejja, inkluz l-ismijiet tal-esperti nominati fl-Inkjesta, fosthom l-attur, l-ordnijiet moghtija mill-Magistrat Inkwirenti dwar l-investigazzjoni, il-persuni li taghhom ingabru *call logs* u data ohra personali u l-metodi uzati mill-investigaturi biex jidentifikaw l-allegat sors tal-*leaks* u l-konsegwenti pubblikazzjoni mill-konvenut lill-pubbliku in generali, m'hijiex komunikazzjoni privileggjata li saret dwar materja ta' interess pubbliku.**

Dan premess, ghandu jinghad illi ghalkemm is-sorsi tal-konvenut certament kellhom dmir li jippreservaw il-konfidenzjalita` ta' informazzjoni appartenenti lil Inkjesta magisterjali, dan ma jfissirx li l-konvenut kellu xi oneru jew dmir korrispondenti ta' konfidenzjalita` partikolament meta l-informazzjoni kienet diga` pubblikata. Madanakollu, jekk fil-pubblikazzjoni ta' dan il-materjal saret imputazzjoni malafamanti fil-konfront ta' persuna, dik l-istqarrija diffamatorja

[41] -"*Police informers*" u "*highly placed officials working on the murder investigation*".

ma tistax tigi gustifikata bid-difiza taht l-Artikolu 5 tal-Att. Dan l-element ta' kunfidenzjalita`, li huwa korollarju tal-interess pubbliku fl-integrita` tal-investigazzjonijiet kriminali, it-tfittix tal-verita` u l-amministrazzjoni tajba tal-process kriminali, jissupera u jxejjen kull element ta' interess pubbliku fit-termini tal-kriterju kif mahsub mill-Artikolu 5 tal-Att.

In materja gie ritenut illi:-

*"The general rule is that anyone is entitled to communicate anything he pleases to anyone else, by speech or in writing or in any other way.* ***That rule is limited by the law of defamation and other restrictions*** *similar to these mentioned in article 10 of the Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms (1953) (Cmd. 8969). All those restrictions are imposed in the light of considerations of public interest such as to countervail the public interest in freedom of expression."*[42]

Izda lura ghall-kaz in dizamina, fejn l-impunjazzjoni specifika hi tal-partijiet tal-pubblikazzjoni li jirrigwardaw l-attur u l-imputazzjoni li huwa kien is-sors tal-*leaks* mill-Inkjesta magisterjali.

**Il-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm il-fatt li gie stabbilit li kien hemm serje ta' *leaks* mill-investigazzjonijiet li kienu qed jitmexxew mill-Magistrat Inkwirenti, huwa bla dubju materja ta' interess pubbliku - bhalma huma wkoll materja ta' interess pubbliku l-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia, ir-rizultati tal-investigazzjonijiet li jigu komunikati ufficjalment mill-Pulizija u r-rapportagg fidili u akkurat u kontemporanju ta' proceduri kriminali b'rabta ma' dan id-delitt - ma jista' jkun hemm ebda interess pubbliku fl-izvelar tal-ismijiet ta' esperti mahturin b'mod kunfidenzjali f'Inkjesta Magisterjali sija jekk ghadhomx fil-kariga u sija jekk ma jkunx ghadhom fil-kariga**. Dan ghaliex l-kunfidenzjalita` tal-informazzjoni sensittiva li jkunu gabru u analizzaw dawn l-esperti, tehtieg li jigi protett kull aspett ta' dik

[42] **Attorney-General v. The Guardian and Others.**

l-informazzjoni, inkluz l-identita` tal-persuna jew persuni li gabruha. L-identita` tal-esperti mahturin f'Inkjesta Magisterjali m'hijiex fid-demanju pubbliku u lanqas huwa intiz li jkun ghall-konsum pubbliku, u **wisq anqas huwa materja ta' interess pubbliku l-pubblikazzjoni ta' spekolazzjoni informali dwar l-identita` tal-persuni responsabbli ghal dawn il-*leaks* komprometttenti u tal-persuni li mhux fdati mill-Pulizija. Il-pubbliku ma ghandu l-ebda interess legittimu li jkun jaf x'inhuma l-fehmiet mhux ufficjali tal-Pulizija investigattiva fir-rigward ta' min mill-esperti fl-Inkjesta huma jissuspettaw li seta' kien responsabbli ghal-*leaks,* ghaliex dan il-materjal - apparti li huwa kapaci jimmina serjament ir-reputazzjoni ta' dawk l-individwi - huwa mistenni li jifforma l-oggett ta' investigazzjoni kriminali *ad hoc* u mhux ta' spekolazzjoni fil-midja**[43].

Gatley, fil-kummenti tieghu dwar id-decizjoni f'**Bento v. The Chief Constable of Bedfordshire Police**[44], li kien jitratta kaz konsimili ghal dak in dizamina fejn ufficjal gholi fil-korp tal-Pulizija hareg stqarrija ghall-istampa fejn iddikjara li d-decizjoni tal-Crown Prosecution Service biex ma jinhargux akkuzi kriminali fil-konfront tal-persuna aggravata, kienet zbaljata, jirrapporta illi:-

"*It was in the public interest for the police to communicate with the public, including through media briefings, during an investigation into a suspicious death, to retain the community's confidence that the case was being taken seriously and to encourage the flow of information that might be of assistance. However, the public interest in maintaining confidence in the criminal system would not be served by encouraging the Police to issue statements suggesting that ... the individual concerned is, or probably was, guilty.* ***On the contrary, such statement reduced confidence in the criminal justice system, as well as seriously damaging the right to reputation of the individual****. The police could have well issued a statement which protected their own interests without defaming Mr. Bento.*"[45] [emfasi ta' din il-Qorti]

---

[43] Fid-decizjoni tal-EWHC fil-kaz **Prince Radu of Hohenzollern v Houston** [2007] intqal:- "*The fact that the material was of public interest does not allow the newspaper to drag in damaging allegations which serve no public purpose. They must be part of the story.* ***And the more serious the allegation, the more important it is that it should make a real contribution to the public interest element in this article***." [emfasi ta' din il-Qorti]

[44] [2012] EWHC 1525 (QB).

[45] On Libel and Slander, p. 540.

Il-korollarju ta' dan kollu huwa, inevitabbilment, illi **l-imputazzjoni li saret fil-konfront tal-attur fil-pubblikazzjoni in kwistjoni, cioe` illi fil-kariga tieghu ta' espert mahtur fl-Inkjesta Magisterjali hu ma kienx fdat mill-Pulizija investigattiva u li kien wiehed mis-sorsi tal-*leaks* mill-investigazzjoni, m'hijiex wahda li tista' titqies li saret bhala parti minn stqarrija dwar materja ta' interess pubbliku generali**. Din l-imputazzjoni ma tistax, fil-fehma tal-Qorti, tigi gustifikata bid-difiza taht l-Artikolu 5 tal-Att semplicement ghaliex l-isfond tal-pubblikazzjoni, cioe` d-delitt tal-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia, jista' jikkoncerna materja ta' interess pubbliku[46].

Barra minn hekk, jehtieg illi l-konvenut li jippubblika stqarrija malafamanti li giet ippubblikata lilu, irid ikun lest illi jiddefendi dik l-istqarrija bhala tieghu u juri li kien jemmen, ragjonevolment, li kien fl-interess pubbliku li jippubblika l-istqarrija malafamanti. Izda dan ma sarx fil-kaz odjern u l-konvenut lanqas xehed biex jiddikjara li huwa jemmen li l-pubblikazzjoni tal-istqarrija tieghu dwar l-attur kienet ta' interess pubbliku, kif del resto mehtieg mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 5(1).

Ghaldaqstant, hija l-konkluzjoni tal-Qorti li l-pubblikazzjoni in kwistjoni ma saritx dwar materja ta' interess legittimu tal-pubbliku jew bhala parti minn materja ta' interess pubbliku u ma tistax tigi gustifikata bid-difiza taht l-Artikolu 5. Konsegwentement, tqis li m'ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha ulterjorment fl-istharrig dwar it-tieni kriterju mehtieg taht il-paragrafu (b) tal-Artikolu 5(1) tal-Att.

Ikkunsidrat;

46 Ara fir-rigward, Miller v. Associated Newspapers Ltd [2003], EWHC 2799 (QB)

Finalment, ma jistax ma jigix osservat illi Saviour Balzan fix-xhieda tieghu jistqarr illi l-informazzjoni li giet pubblikata fl-artikolu ta’ Illum dwar id-drittijiet li thallsu lil dawn it-tliet esperti, kien frott ta’ informazzjoni zbaljata li huwa nghata mill-Ministeru. Huwa xehed ukoll illi in segwitu ghal mistoqsija Parlamentari li giet ippubblikata fit-30 ta’ Ottubru 2018, fejn irrizulta li l-informazzjoni dwar l-ammont li “*... it-tliet esperti ... swew b’kollox*”, il-konvenut Albert Gauci Cunningham ippubblika kjarifika fl-ewwel pagna tal-harga tal-gazzetta Illum tal-25 ta’ Novembru 2018 (Dok. SB2, fol. 75). Madanakollu, il-Qorti tosserva illi kuntrarjament ghal dak li gie ppubblikat fil-25 ta’ Novembru 2018, **mill-provi jirrizulta l-attur in effetti ma rcieva l-ebda hlas kwalsiasi ghar-rwol tieghu fl-Inkjesta u mhux “*ferm inqas minn dan l-ammont*” kif gie rapportat sussegwentement.**

Illi kif gia` stabbilit, l-imputazzjonijiet li saru fil-konfront tal-attur ghandhom il-propensita` li jikkagunaw hsara serja lir-reputazzjoni tieghu. Ghall-finijiet tal-likwidazzjoni tad-danni f’dan il-libell skont l-Artikolu 11 tal-Att, il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni is-serjeta` tal-imputazzjonijiet maghmula fil-konfront tal-attur, izda wkoll il-fatt li ma giex ippruvat illi effettivament l-imputazzjonijiet irrekaw hsara attwali lir-reputazzjoni tal-attur, u wara li qieset ukoll il-fatt illi l-imputazzjoni giet ippubblikata lil firxa wiesa’ tal-pubbliku permezz ta’ news portal elettroniku ta’ gazzetta popolari nhar ta’ Hadd, tqis illi ghandha tillikwida s-somma ta’ elf Ewro (€1,000) in linea ta’ danni morali.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet tal-attur, tiddikjara li l-artikolu intestat “*It-tliet esperti li qabbad il-Magistrat Vella swew €136,654*” u ppublikat mill-konvenut fuq il-portal elettroniku illum.com.mt fit-28 ta’ Ottubru 2018, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tal-attur u**

**tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf Ewro (€1,000) in linea ta' danni morali. L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**